MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 117/2004

## CITAZZJONI NUMRU 117/2004

**Joseph Muscat bhala eredi tal-mejta Maria Antonia Farrugia**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi l-att tat-twelid ta' Maria Antonia Farrugia nee' Muscat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' sitt mija u tnejn (602) tas-sena elf disa' mija u disgha (1909) - Dokument A huwa zbaljat fis-seba' colonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" u dana peress illi l-kunjom "Sammut" ghandu jigi sostitwit bil-kunjom "Zammit".

Illi l-att tal-mewt ta' l-istess Maria Antonia Farrugia, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta' sebgha u sittin tas-sena elfejn u tnejn (67/2002) huwa zbaljat fir-raba kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-genituri" u dana peress illi l-kunjom "Sammut" irid jigi sostitwit bil-kunjom "Zammit".

Illi l-attur bhala eredi ta' Maria Antonia Farrugia jrid jipprocedi ghall-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid (602/1909) - Dokument A u ta' l-att tal-mwwt (67/2002) - Dokument B ta' l-istess Maria Antonia Farrugia.

Talab li din il-Qorti:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid ta' Maria Antonia Farrugia nee' Muscat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' sitt mija u tnejn (602) tas-sena elf disa' mija u disgha (1909) - Dokument A billi fis-seba' kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hu haj jew mejjet" il-kunjom "Sammut' jigi sostitwit bil-kunjom "Zammit".

2. tordna l-korrezzjoni ta' l-istess att tal-mewt ta' Maria Antonia Farrugia nee' Muscat, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta' sebgha u sittin tas-sena elfejn u tnejn (67/2002) billi fir-raba kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-genituri" l-kunjom "Sammut" jigi sostitwit bil-kunjom "Zammit".

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikajrazzjoni tal-fatti debitament guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku minkejja li debitament notifikat, skond ir-riferta fil-process, bic-citazzjoni u bl-appuntament ghas-smiegh tal-kawza naqas li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Semghet lill-attur jikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Peress illi jidhrilha li t-talbiet atturi huma gustifikati.

Tilqa' l-istess talbiet u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' Maria Antonia Farrugia nee' Muscat, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' sitt mija u tnejn (602) tas-sena elf disa' mija u disgha (1909) billi fis-seba' kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" il-kunjom "Sammut" jigi sostitwit bil-kunjom "Zammit".

Tordna l-korrezzjoni ta' l-att tal-mewt ta' Maria Antonia Farrugia nee' Muscat, liema att tal-mewt igib in-numru progressiv ta' sebgha u sittin tas-sena elfejn u tnejnn (67/2002) billi fir-raba' kolonna taht l-intestatura "Isem u Kunjom il-genituri" il-kunjom "Sammut" jigi sostitiwit bil-kunjom "Zammit".

Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------